# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-10 ta' Dicembru, 2015.**

**Rikors Numru 805/2015 SM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs.**

**Dobromir Georgiev Chorbadziyski**
**(ID 48078 A)**

**u**

**martu Mariana Chorbadziyska**
**(Passport Bulgaru bin-Numru**
**16749014)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 t' Awwissu, 2015, li permezz tieghu r-rapprezentant ta' l-istess sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-bank rikorrenti sellef l-ammont ta' disgha u sittin elf Ewro, (€69,000.00), lill-intimati permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor John Gambin, datat l-4 ta' Frar, 2011, (ara foll 6);

1.2. Illi ghalkemm l-intimati ghamlu xi pagamenti minnhom hekk dovuti, ma baqghux jonoraw il-hlasijiet pattwiti;

1.3. Illi konsegwentement l-istess intimati tilfu l-beneficcju taz-zmien, (ara foll 11);

1.4. Illi fil-mument tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur l-intimati ghandhom jaghtu lill-Bank rikorrenti l-ammont ta' tmienja u sittin elf seba` mija u seba` Ewro u tnejn u sittin centezmu, (€68,707.62), mis-self originarjament avvanzat;

1.5. Illi *di piu`*, jizdiedu ammonti ohra dovuti mill-intimati ghall-assikurazzjoni tal-hajja u tad-dar biex b'hekk is-somma totali dovuta mill-intimati tammonta ghal sebghin elf mitejn u disa` Ewro u sitta u sittin centezmu, (€70,209.66), (ara foll 18);

1.6. Illi aktar minnhekk hemm ukoll dovuti lill-Bank rikorrenti l-interessi kif dedotti fl-istess rikors guramentat, u dan, minghand l-istess intimati, (ara foll 2);

1.7. Illi ghalkemm l-intimati kienu debitament interpellati, baqghu inadempjenti;

1.8. Illi ghalhekk il-bank rikorrenti kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti, m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara li l-intimati m'onorawx il-pagamenti pattwiti u allura iddekadew mill-beneficcju taz-zmien;

1.8.2. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-bank rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' sebghin elf mitejn u disa` Ewro u sitta u sittin centezmu, (€70,209.66);

1.8.3. Tordna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

1.8.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti mill-bank rikorrenti;

3. Semghet ix-xhieda ta' l-intimat Dobromir Georgiev Chorbadziyski datata l-10 ta' Novembru, 2015, (ara foll 35 u 36), li permezz ta' l-istess ammetta li l-intimati ghandhom jaghtu l-ammont komplessiv lill-bank rikorrenti kif dedatt fl-istess procedura inizjata mill-istess bank rikorrenti;

4.0. Illi in vista ta' l-istess ammissjoni din il-qorti hi sodisfatta li l-bank rikorrenti pprova il-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

4.1. Tiddikjara li l-intimati m'onorawx il-pagamenti pattwiti fuq riferiti u li ghalhekk iddekadew mill-beneficcju taz-zmien;

4.2. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-bank rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' sebghin elf mitejn u disa` Ewro u sitta u sittin centezmu, (€70,209.66);

4.3. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu lill-bank rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

4.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura, kontra l-intimati u bl-imghaxijiet kif dedotti fir-rikors guramentat promotur sad-data ta' l-effettiv pagament.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**